MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 325/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor V. Micallef)**

**vs**

**Christine Attard**
**Maria Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christine Attard ta’ 19 –il sena, bint Christopher Attard u Mary nee’ Magro, imwielda 28 ta’ Gunju 1988 Pieta, residenti RitaHouse, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun u detentrici tal-karta ta’ l identita 304288 (M);
Maria Azzopardi ta’ 18 –il sena, bint Victor Azzopardi u Rita nee’ Baldacchino, imwielda 22 ta’ April 1989 Pieta’, residenti 3 White Dove, Triq tal-Plier, Zabbar u detentrici tal-karta ta’ l identita 191189 (M) gew akkuzati:

Talli nhar il-21 ta' Marzu 2008, ghal hatba tas-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar, mix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan ikkommettew serq ta' mobile phone tal-marka Sony Ericsson illi jiswa 294.83 Euros (126.57 Liri Maltin) ghad-dannu ta Emil Brikha, liema serq huwa kwallifikat bl-'ammont'.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JM5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li huma nfurmati li d-derubat inghata lura l-mobile phone minghajr is-Sim Card.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 261 (c), 267 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Christine Attard u Maria Azzopardi fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, l-fedina penali netta tal-imputati, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li huma nfurmati li d-derubat inghata lura l-mobile phone minghajr is-Sim Card u l-eta' tenera tal-imputati, tillibera lill-istess imputati Christine Attard u Maria Azzopardi taht il-Provvediment

tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Christine Attard u Maria Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------